MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 102/2002/1

**Tessons Snack Food Limited**

**Vs**

**Southend Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-gahliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm3000 (tlet elef liri Maltin) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus u bonus moghtija lill-konvenut skond kuntratt tas-7 ta' Mejju 1998 (ezebit Dokument A) liema kuntratt gie miksur mill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri uficjali tat-30 ta' Marzu 2001, 10 ta' Mejju 2001, 7 ta' Settembru 2001 u bl-imghax tat-8% fuq Lm3000 mid-data tal-avviz, sal-hlas effetiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Kif ukoll rat il-kuntratt ossija ftehim bejn il-partijiet involuti f'dan il-kaz u li jinsab a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 9) tal-istess atti u li biha eccepit bir-rispett:

1. Illi s-socjeta' eccipjenti ma kisritx il-ftehim datat 7 ta' Mejju 1998 (Dok A) u ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta' attrici;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt invokat mis-socjeta' attrici, jew klawsoli minnu, huwa null u mhux ezegwibbli a tenur ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol 27 tal-atti kif ukoll l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif risultanti mill-verbali a fol 19, fol 22, fol 23 u fol 24 tal-atti, jidher car li s-socjeta konvenuta inghatat l-opportunita sabiex tissottometti l-provi taghha in sostenn tal-eccezzjonijiet esposti minnha.  Pero l-ebda prova dwar l-istess eccezzjonijiet ma ingiebet a konjizzjoni ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta attrici, din ipproduciet is-segwenti provi, in sostenn tat-talbiet kif dedotti mill-istess avviz.

a) il-kopja tal-ftehim imsemmi fl-istess avviz u li jinsab, anness, kif di gja nghad, a fol 2 tal-atti.  Skond l-istess ftehim jidher li s-socjeta konvenuta obbligat ruhha li tixtri minghand dik attrici gelati tal-marki specifikati fl-istess avviz '…… on exclusive basis" hlief ghall-eccezzjoni miftehma fl-istess ftehim u ghall-perijodu bejn il-5 ta' Mejju 1998 sal-31 ta' Marzu 2002.  Fl-istess ftehim jinghad illi f'kaz li s-socjeta konvenuta ma tottemprax ruhha mal-ftehim in esami, din tkun soggetta ghall-hlas ta' penali ta' Lm3000, kif mitlub fl-istess avviz.

b) <u>Joseph Busuttil</u> (fol 12 et seq ibid) bhala "accountant" tas-socjeta attrici, beda billi kkonferma l-imsemmi ftehim u l-kontenut kollu tieghu. Mill-istess xhieda wiehed jista' jara illi bhala parti mill-ftehim imsemmi, is-socjeta konvenuta kienet inghatat "… bhala incentiva ghal din l-esklusivita", certu numru ta' "canopies", li kellhom isem il-proprjeta tas-socjeta konvenuta, fl-gheluq tal-istess ftehim. Inoltre , s-socjeta konvenuta kienet akkwistat il-prodotti in kwistjoni matul l-1998 u l-1999 izda ma' kien sar ebda akkwist matul is-snin rimanenti tal-istess ftehim cjoe matul is-sena' 2000, is-sena 2001 u s-sena 2002.
c) <u>Andrew Ellul Sullivan</u> (fol 20 u fol 21 ibid) wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici, ikkonferma ukoll illi s-socjeta konvenuta ma kientx ottemprat ruhha mal-imsemmi ftehim billi din "…. Ma komplewx jiehdu gelati mportati minnha minn barra u dan wara li ghaddew sentejn". Inoltre x-xhud tista' tghid, spjega in rigward il-"canopies" imsemmija u stallati skond l-istess ftehim illi l-valur ta' Lm3000, kien press a poco, il-valur taghhom u ghalhekk kienet giet miftehma <u>penali</u> ta' Lm3000, f'kaz li l-imsemmi ftehim jigi miksur mill-istess socjeta konvenuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward it-tieni eccezzjoni din il-Qorti applikat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz ta' digriet moghti fis-7 ta' Frar 2005 bazat fuq l-artikolu 27 tal-istess Kapitolu citat kienet issospendiet dawn il-proceduri u rreferiet il-kwistjoni sollevata permezz ta'din l-eccezzjoni lill-Kummissjoni istitwita "ad hoc" ghad-decisjoni Taghha (ara fol 26 u fol 27 ibid). Permezz ta' decisjoni moghtija mill-istess kummissjoni fil-15 ta' Mejju 2006, gie deciz illi "… stante li ma jirrisultax li hemm ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 379. Tiddikjara l-procediment esawrit ….". Ghalhekk, din il-Qorti, li hi marbuta b'din id-decisjoni, tirrispingi it-tieni eccezzjoni in esami billi ma hux applikabbli l-artikolu 1119(1) tal-Kodici Civili.

Illi inoltre f'dan il-kaz is-socjeta attrici jidher li <u>ghazlet</u> li titlob il-penali miftehma minflok ma agixxiet ghall-esekuzzjoni tal-obligazzjonijiet assunti mis-socjeta

konvenuta skond l-istess ftehim, liema ghazla saret a basi tal-artikolu 1120 ibid.

Illi, pero', avolja jidher evidenti li s-socjeta konvenuta ma ottempratx ruhha "in toto" ma dan il-ftehim, hu minnu ukoll li l-istess socjeta kienet akkwistat, ghall perjodu ta' sentejn, il-prodotti in kwistjoni minghand dik attrici u b'hekk, ghal dan il-perjodu, kienet esegwit l-obbligazzjonijiet assunti minnha fl-istess ftehim. Minhabba hekk, il-Qorti tara li ghandha tapplika l-artikolu 1122 (1) (a) u (b) tal-istess Kodici u li jippermetti l-Qorti tnaqqis l-istess penali, fil-kazijiet komtemplat f'dan l-artikolu u applikabbli f'dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti ser tapplika "motu proprio" u fl-interess ta' ekwita, l-artikolu 1122(2) ibid li jindika tnaqqis ta' penali ".".. fil-proporzjoni tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun bagghet mhux esegwita" ossija f'dan il-kaz ghall-perjodu ta' tlett snin.

Illi, minn kalkoli li saru mill-istess Qorti l-ammont ta' penali dovuta ghandha tigi mnaqqsa ghal Lm1800, skond il-kriterji esposti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa 'in parti' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm1800, bl-imghax legali mid-data tallum stess sa' dik tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes inklusi dawk tal-ittri uficjali tat-30 ta' Marzu 2001, tal-10 ta' Mejju 2001 u tas-7 ta' Settembru 2001, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal tnejn minn hamsa (2/5) mis-socjeta attrici u kwantu ghal tlieta minn hamsa (3/5) minn dik konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------